

**MT**

**MT**

**MT**



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 14.3.2008  
KUMM(2008) 152 finali

Proposal for a

**DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li temenda l-ftehim interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja fis-sod fir-rigward tal-qafas finanzjarju multiannwali**

*Ippreżentata mill-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill skond paragrafu 48 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006*

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Il-Punti 18 u 48 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 jipprovdu lill-Kummissjoni tippreżenta ż-żewġ dirgħajn tal-proposti ta' l-awtorità baġitarja għall-aġġustamenti fl-istruttura finanzjarja kkunsidrati meħtieġa fid-dawl ta' l-implimentazzjoni.

Din il-proċedura tinvolveja:

- L-aġġustament tat-total ta' l-appropriazzjonijiet għall-ħlas biex tassigura, fid-dawl tal-ħtiġijiet, progressjoni ordinata relatata ma' l-appropriazzjonijiet għall-impnjenji (il-punt 18);
- fil-każ ta' l-adozzjoni wara l-1 ta' Jannar 2007 tar-regoli jew programmi ġodda li jiggvernaw il-Fondi Strutturali, il-Fond ta' Koeżjoni, l-Iżvilupp Rurali u l-Fond Ewropew għas-Sajd, iż-żewġ dirgħajn ta' l-awtorità baġitarja jimpenjaw irwieħhom li jawtorizzaw, wara proposta mill-Kummissjoni, it-trasferiment għas-snin sussegwenti, lil'hinn mill-ammonti massimi ta' nfiq korrispondenti, ta' allokazzjonijiet mhux użati fl-2007 (punt 48).

L-eżaminazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni fis-sena 2007 minn dawn iż-żewġ lati qanqlitha tippreżenta l-proposta li ġejja għall-aġġustament tal-qafas finanzjarju fir-rigward tal-punt 48 lill-awtorità baġitarja. Il-proposta preżenti li tiegħu kont ta' l-implimentazzjoni se tiġi applikata fuq il-limiti ta' l-infiq bil-prezzijiet attwali.

Iżjed minn hekk, il-punt 16 tal-Ftehim Interistituzzjonali jiddikjara li kull sena l-Kummissjoni se tagħmel, qabel il-proċedura baġitarja għas-sena n+1, aġġustament tekniku lill-qafas finanzjarju li jaqbel mal-movimenti fid-dħul gross nazzjonali (DGN) ta' l-UE u l-prezzijiet u tikkomunika r-riżultati liż-żewġ dirgħajn ta' l-awtorità baġitarja F'dak li jirrigwarda l-prezzijiet, il-limiti ta' l-infiq bi prezzijiet kurrenti huma stabbiliti bl-użu ta' deflatur fiss ta' 2 % previsti fil-punt 16 tal-Ftehim Interistituzzjonali. F'dak li jirrigwarda l-movimenti tal-DGN, il-proposta preżenti tinkludi l-aħħar tbassir ekonomiku disponibbli.

### **1. AĠĠUSTAMENT TA' FONDI STRUTTURALI, FOND TA' KOEŻJONI, ŻVILUPP RURALI U L-FOND EWROPEW GĦAS-SAJD FID-DAWL TAĊ-ĊIRKOSTANZI TA' L-IMPLIMENTAZZJONI TAGĦHOM (PUNT 48)**

Taħt il-punt 48 tal-Ftehim Interistituzzjonali, fil-każ ta' l-adozzjoni wara l-1 ta' Jannar 2007 tar-regoli jew programmi ġodda li jiggvernaw il-Fondi Strutturali, il-Fond ta' Koeżjoni, Żvilupp Rurali u l-Fond Ewropew għas-Sajd, iż-żewġ dirgħajn ta' l-awtorità baġitarja jimpenjaw irwieħhom li jawtorizzaw, wara proposta mill-Kummissjoni, it-trasferiment għas-snin sussegwenti, lil hinn mill-ammonti massimi ta' nfiq korrispondenti, ta' allokazzjonijiet mhux użati fl-2007.

#### **1.1. L-ambitu tal-punt 48 tal-Ftehim Interistituzzjonali**

Il-Ftehim Interistituzzjonali jistabilixxi l-prinċipju li t-trasferiment huwa limitat għall-allokazzjonijiet mhux użati għall-ewwel sena tal-qafas finanzjarju.

It-trasferiment japplika għall-programmi mħallsin mill-Fondi Strutturali (Il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Fond Soċjali Ewropew) u l-Fond ta' Koeżjoni,

il-Fond Ewropew ta' l-Agrikoltura għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Ewropew għas-Sajd. It-trasferiment japplika wkoll għall-kontribut tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali lill-programmi transkonfinali u dawk għall-baċin ta' l-ibħra taħt l-Istrument Ewropew ta' Viċinanza u Sħubija (IVSE) u għall-Programmi Transkonfinali ta' l-Istrument għal Qabel l-Adeżjoni (SQA). Dawn ta' l-aħħar jibqgħu taħt id-dixxiplina tal-Fondi Strutturali u l-ammonti involuti se jkunu disponibbli għal darba oħra għall-Istati Membri fil-każ ta' dewmien fis-sottomissjoni tal-programmi rispettivi<sup>1</sup>.

## 1.2. Proposta tat-trasferiment ta' l-appropriazzjonijiet għall-impenji mill- 2007 għas-snin tal-futur (it-Tabella 1).

L-appropriazzjonijiet għall-impenji li jammontaw għal EUR 2 034 miljun skadew fl-2007, jiġifieri ma kinux implimentati fl-2007 u ma ngarrux 'l quddiem għall-2008. Dan l-ammont jikkorrispondi għall-allokkazzjoni ta' l-2007 ta' 45 Programmi Operattivi li ma setgħux jiġu adottati fl-2007, l-iktar minħabba li damu ma ġew sottomessi lill-Kummissjoni. It-tabella ta' hawn isfel turi d-distribuzzjoni bil-Fond tal-programmi li damu.

Fond	Numru ta' OP mdewma	Pakketti ta' l-2007 li għandhom jiġu riprogrammati	
		(fi prezzijiet kurrenti, f'miljuni ta')	%
ERDF	5	375	18%
ENPI (bil-kontribuzzjoni ta' l-ERDF)	14	48	2%
IPA (bil-kontribuzzjoni ta' l-ERDF)	4	3	0%
<b>Total parzjali Intestatura 1B</b>	<b>23</b>	<b>426</b>	<b>21%</b>
EAFRD	15	1.469	72%
EFF	7	139	7%
<b>Total parzjali Intestatura 2</b>	<b>22</b>	<b>1.608</b>	<b>79%</b>
<b>TOTAL</b>	<b>45</b>	<b>2.034</b>	<b>100%</b>

Huwa ċar li d-dewmien fil-programmi tal-bidu għall-perjodu 2007-2013 naqas f'daqqa meta mqabbel mal-perjodu 2000-2006. Kif muri fit-tabella tat-tqabbil hawn isfel l-ammont li jrid jerġa' jiġi riprogrammat għas-snin ta' wara naqas minn 20% għal 3%.

Kemm huwa sinifikanti t-tidwim fl-ipprogrammar - 2007 mqabbla ma' l-2000							
(fi prezzijiet kurrenti f'miljuni ta' EUR)							
	Pakkett nominali	Trasferimenti 'l quddiem	Riprogramma għal snin futuri	Trasferimenti futuri + Riprogramma	% Trasferiti 'l quddiem	% Riprogramma	% Trasferimenti 'l quddiem u Riprogramma
2000	30.019	8.038	6.153	14.191	27%	20%	47%
2007	58.429	1.491	2.034	3.525	3%	3%	6%

72% tar-riprogrammar li jinħtieġ huwa dovut minħabba dewmien fil-programmi għall-Iżvilupp Rurali. Diversi aspetti partikolari ta' l-ipprogrammar ta' l-iżvilupp

<sup>1</sup> B'konformità ma' l-Artikolu 21(5) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 tal-11 ta' Lulju 2006

rurali taqqlu l-proċedura ta' approvazzjoni tiegħu meta mqabbla ma' dik tal-programmi ta' Koeżjoni. L-ewwelnett, il-programmar ta' l-iżvilupp rurali jinżel fil-livell tal-miżuri ta' l-iżvilupp rurali, u hija meħtieġa informazzjoni pjuttost dettaljata, pereżempju dwar l-aspetti ambjentali. It-tieni, kull programm huwa sottomess għall-approvazzjoni mill-Kumitat ta' l-Iżvilupp Rurali qabel l-approvazzjoni mill-Kummissjoni. It-tieletnett, numru sinifikanti ta' programmi kienu sottomessi biss lill-Kummissjoni fit-tieni nofs ta' l-2007, li sa ċertu punt seta' ġie influwenzat bl-inċertezza ta' l-eżitu tan-negozjati dwar il-modulazzjoni volontarja fl-ewwel parti ta' l-2007. Finalment, fatturi oħra (bħar-restrizzjonijiet istituzzjonali nazzjonali u n-nuqqas ta' esperjenza preċedenti fl-iprogrammar) setgħu wkoll ikkontribwew għall-preżentazzjoni tard ta' l-abbozz ta' programmi u/jew dewmien fil-kjarifiki mitluba mill-Kummissjoni.

Id-dewmien fl-iprogrammar ta' l-ERDF kien ikkawżat l-iktar minħabba li l-programmi involuti damu ma ġew sottomessi. F'xi każijiet, il-kontenut tagħhom kien jeħtieġ iktar negozjati biex titjeb il-konsistenza ma' l-oġġettivi tal-Komunità. In-negozjati dwar erba' programmi IPA mdewma qed javvanzaw bil-mod, peress li n-negozjati li jinvolvu diversi pajjiżi (uħud minnhom pajjiżi terzi) inevitabbilment huma iktar kumplessi. L-istess tip ta' diffikultajiet effettwaw il-programmi ta' l-ENPI, li minnhom dak tal-Baħar Baltiku biss ġie sottomess u adottat fl-2007.

Ħafna programmi EFF ġew sottomessi pjuttost tard ukoll (eż. Diċembru 2007) u dan għamilha impossibbli li l-programmi jiġu adottati fl-2007.

Tabella 1a fl-Anness tagħti stampa kompleta tas- sottoimplimentazzjoni fl-2007 skond l-oġġettiv u l-Fond. L-ammont ta' l-appropriazzjonijiet sottoimplimentati kien ta' EUR 3 525 miljun. Minn dawn, EUR 1 491 miljun inġarru 'l quddiem għas-sena 2008, peress li l-istadji preliminari tal-proċedura ta' l-impenn kienu diġà lesti sa l-aħħar ta' l-2007. Dan ħalla EUR 2 034 miljun, u qiegħda ssir proposta hawnhekk biex dawn jiġu trasferiti, taħt il-punt 48 tal-Ftehim Interistituzzjonali, għas-snin ta' wara l-perjodu tal-iprogrammar.

It-tabella li ġejja turi r-riprogrammar propost għall-intestatura 1B u l-intestatura titolu 2<sup>2</sup>

(fi prezzijiet kurrenti, f'EUR)

	2008	2009	2010	2011	2012	2013
H1b	378.007.275	0	0	23.789.685	23.789.686	0
H2	393.592.042	387.183.354	387.189.346	146.825.262	146.825.262	146.825.260

Il-pofil huwa kemmxejn ikkonċentrat kollu fuq il-bidu, iżda l-ammonti huma żgħar meta mqabblin mad-daqs tal-pakketti annwali.

Iżjed minn hekk, it-tabella 1b tagħti dettal skond il-fond u l-użu ta' klassifika ta' sena wara l-oħra fejn ġie propost it-trasferiment.

<sup>2</sup> L-ammonti f'din it-tabella qegħdin espressi feuro għaliex l-iprogrammar fl-intestatura 1b, l-Iżvilupp Rurali u l-Fond Ewropew għas-Sajd huma feuro. Iżda, l-aġġustament tal-limiti ta' nfiq annwali tal-Qafas Finanzjarju huwa espress f'miljuni ta' euro, li jinvolvi t-tqarrib sa' l-eqreb numru sħiħ.

**1.3. L-effett tat-trasferimenti proposti fil-livell ta' l-appropriazzjonijiet korrispondenti għall-ħlasijiet.**

Il-programmar taħt is-subintestatura 1b m'għandu l-ebda impatt sinifikanti fuq il-profil mistenni tal-ħlasijiet matul is-sena. Għal programmi ta' l-Iżvilupp Rurali (l-intestatura 2) ir-riprogrammar iżid il-ħlasijiet mistennija fl-2008 b'EUR 1 014 miljun, ammont li oriġinarjament kien ġie previst għall-2007. L-impatt għall-2009-2013 se jkun marġinali.

Fid-dawl tal-fatt li l-baġit ta' l-2008 jħalli marġni suffiċjenti taħt il-limiti tal-qafas finanzjarju, il-Kummissjoni ma tikkunsidrax il-ħtieġa għall-proposta ta' aġġustament tal-limiti tal-appropriazzjonijiet għall-ħlas minħabba r-riprogrammar propost taħt il-punt 48 tat-IIA.

**2. IL-MANTENIMENT TAL-PROGRESSJONI ORDINATA BEJN L-APPROPRJAZZJONIJIET TAL-ĦLAS U L-APPROPRJAZZJONIJIET GĦALL-IMPENJI (IL-PUNT 18)**

Wieħed mill-għanijiet tal-qafas finanzjarju huwa li jassigura l-progressjoni ordinata bejn l-impenji u l-ħlasijiet. Ir-relazzjoni ġiet stabbilita għal tul ta' żmien tal-qafas finanzjarju fuq il-bażi ta' numru ta' ipoteżi, li ġew ikkomunikati liż-żewġ dirgħajn ta' l-awtorità baġitarja f'Mejju 2005. Il-limitu għall-appropriazzjonijiet għall-ħlasijiet fil-qafas finanzjarju ta' l-2007-2013 kien ibbażat fuq metodoloġija. Il-Kummissjoni se terġa teżamina dawn l-ipoteżi fl-2010 skond it-termini ta' punt 19 tal-Ftehim Interistituzzjonali.

Il-punt 18 tal-Ftehim Interistituzzjonali jobbliga l-Kummissjoni tifli l-limitu globali għall-appropriazzjonijiet tal-ħlas, li ġie stabbilit meta tfassal il-qafas finanzjarju, kontra l-eżekuzzjoni tal-baġit għall-2007 u l-baġit għall-2008 u biex tagħmel xi aġġustamenti li huma meħtieġa.

Il-profil ta' l-appropriazzjonijiet globali għall-ħlasijiet li rriżultaw minn dawn l-ipoteżi laħaq quċċata fl-2008, li ġiet segwita minn tnaqqis fl-2009. Il-quċċata fis-sena 2008 ntlaħqet l-iżjed minħabba konċentrament ta' ħlasijiet previsti marbutin ma' rikba bejn il-fażi finali tal-perjodu ta' l-i-programmar tas-sena 2000-2006 u l-fażi tal-bidu tal-perjodu bejn is-sena 2007-2013 għall-azzjonijiet strutturali. Kien mistenni li l-ħlasijiet se jonqsu b'mod sostanzjali fl-2009 minħabba naqsa drammatika fir-rimborsi tal-programm ta' l-2000-2006, li kien mistenni jegħleb iż-żieda tar-rimborsi fuq il-programm ta' l-2007-2013.

L-evalwazzjonijiet kurrenti għall-appropriazzjonijiet għall-ħlas m'għandux għalfejn jaġġusta l-limitu tal-ħlasijiet eżistenti għall-2009. Skond l-aħħar stimi għall-operazzjonijiet strutturali magħmulin minn servizzi tal-politika reġjonali, ħlasijiet huma kompatibbli bis-sħiħ mal-limitu tal-ħlas eżistenti. Bħala konsegwenza, il-Kummissjoni ma tarax il-bżonn li tippreżenta issa proposta li taġġusta l-limitu għall-appropriazzjonijiet għall-ħlas għas-sena 2009. Naturalment, se tibqa' tissorvelja bir-reqqa l-evoluzzjoni tas-sitwazzjoni.

Il-Kummissjoni se tinfina l-istimi tal-ħlasijiet fil-baġit preliminari ta' l-2009, għall-operazzjonijiet strutturali u għall-intestaturi l-oħrajn kollha, biex iqabblu mal-

prinċipji dixxiplinarji tal-baġit u b'kunsiderazzjoni li għandu jinżamm marġni suffiċjenti għall-ġrajjiet mhux previsti.

Tabella 1: L-implimentazzjoni tal-Fondi Strutturali fis-sena 2007- Trasferiment ta' l-allokazzjonijiet mhux użati

<b>Tabella 1a</b> <b>Sotto-utilizzazzjoni ta' Fondi Strutturali, Fondi ta' Koeżjoni, Żvilupp Rurali u Fond Ewropew għall-allokazzjonijiet għas-Sajd fl-2007</b> <i>(fi prezzijiet kurrenti, f'EUR)</i>						
Objettiv	Fond	allokazzjoni 2007	Implimentazzjoni	Sotto-implimentazzjoni	Trasferiment 'il quddi	Għandhom jiġu trasferiti taħt il-Punt 48 IIA
Konverġenza	ERDF	21 306 584 583	20 980 317 541	326 267 041	0	326 267 042
Konverġenza	ESF	6 773 139 198	6 759 975 961	13 163 236	13 163 237	0
Kooperazzjoni Territorjali (TC)	ERDF	1 028 694 305	884 635 554	144 058 751	95 533 659	48 525 092
TC - Kontribuzzjoni għall-IIPA	ERDF	26 565 453	1 817 626	24 747 827	21 532 686	3 215 141
TC - Kontribuzzjoni għall-ENPI	ERDF	47 579 371	0	47 579 371	0	47 579 371
<b>Total Parzjali Intestatura 1b</b>		<b>29 182 562 910</b>	<b>28 626 746 682</b>	<b>555 816 227</b>	<b>130 229 582</b>	<b>425 586 646</b>
Żvilupp Rurali (RD)	EAFRD	12 343 028 110	9 513 362 081	2 829 666 029	1 360 517 165	1 469 148 864
Fond Ewropew għas-Sajd (EFF), Konverġenza	EFF	425 295 599	308 036 726	117 258 873	0	117 258 873
Fond Ewropew għas-Sajd (EFF), barra mill-konverġenza	EFF	141 595 022	119 562 233	22 032 789	0	22 032 789
<b>Total parzjali Intestatura 2</b>		<b>12 909 918 731</b>	<b>9 940 961 040</b>	<b>2 968 957 691</b>	<b>1 360 517 165</b>	<b>1 608 440 526</b>
<b>Total</b>		<b>42 092 481 641</b>	<b>38 567 707 722</b>	<b>3 524 773 919</b>	<b>1 490 746 747</b>	<b>2 034 027 172</b>



<b>Tabella 1b</b>								
<b>Skeda ta' trasferimenti</b>								
<i>(fi prezzijiet kurrenti, f'EUR)</i>								
Objettiv	Fund	Amount to be transferred	to 2008	to 2009	to 2010	to 2011	to 2012	to 2013
Konverġenza	ERDF	326 267 042	326 267 042	0	0	0	0	0
Kooperazzjoni Territorjali (TC)	ERDF	48 525 092	48 525 092	0	0	0	0	0
TC - Kontribuzzjoni għall-IPA	ERDF	3 215 141	3 215 141	0	0	0	0	0
TC - Kontribuzzjoni għall-ENPI	ERDF	47 579 371	0	0	0	23 789 685	23 789 686	0
<b>Total parzjali Intestatura 1b</b>		<b>425 586 646</b>	<b>378 007 275</b>	<b>0</b>	<b>0</b>	<b>23 789 685</b>	<b>23 789 686</b>	<b>0</b>
Żvilupp Rurali (RD)	EAFRD	1 469 148 864	370 376 764	363 968 076	363 974 068	123 609 986	123 609 986	123 609 984
II-Fond Ewropew għas-Sajd (EFF), Konverġenza	EFF	117 258 873	19 543 146	19 543 146	19 543 146	19 543 145	19 543 145	19 543 145
II-Fond Ewropew għas-Sajd (EFF), barra mill-konverġenza	EFF	22 032 789	3 672 132	3 672 132	3 672 132	3 672 131	3 672 131	3 672 131
<b>Total parzjali Intestatura 2</b>		<b>1 608 440 526</b>	<b>393 592 042</b>	<b>387 183 354</b>	<b>387 189 346</b>	<b>146 825 262</b>	<b>146 825 262</b>	<b>146 825 260</b>
<b>Total</b>		<b>2 034 027 172</b>	<b>771 599 317</b>	<b>387 183 354</b>	<b>387 189 346</b>	<b>170 614 947</b>	<b>170 614 948</b>	<b>146 825 260</b>

### **3. L-AĠĠUSTAMENT TEKNIKU TAL-QAFAS FINANZJARJU GĦAS-SENA 2009 LI JAQBEL MAL-MOVIMENTI TAD-DGN (PUNT 16)**

It-Tabella 2 turi l-qafas finanzjarju għas-27 ta' l-UE u tiegħu kont ta' l-implimentazzjoni u l-aġġustament għas-sena 2009 (jiġifieri bil-prezzijiet attwali u espressi bħala perċentwal tad-DGN bl-użu ta' l-aħħar tbassir ekonomiku disponibbli).

#### **3.1. Ċifra totali għad-DGN**

Skond l-aħħar previżjoni disponibbli, id-DGN għall-2008 huwa stabbilit għal € 13,129 biljun fi prezzijiet kurrenti għall-UE-27 (u għal € 12,547 biljun għall-2007).

Għas-snin sussegwenti (2010-2013) id-DGN ta' l-UE-27 ġie kkalkulat fuq il-bażi tal-projezzjonijiet interni tal-Kummissjoni għar-rata tat-tkabbir ekonomiku annwali f'termini reali. Dawn il-projezzjonijiet huma indikattivi u se jiġu aġġornati kull sena fuq il-bażi ta' l-aħħar previżjonijiet ekonomiċi disponibbli.

#### **3.2. Ir-riżultati ewlenin ta' l-aġġustament tekniku tal-Qafas Finanzjarju għall-2009)**

Il-limitu totali fuq l-appropriazzjonijiet ta' l-impenn għas-sena 2009, meta ssir kunsiderazzjoni ta' l-implimentazzjoni (jiġifieri EUR 136 211 miljun) huwa ta' 1.04% tad-DGN

Il-limitu globali rispettiv għall-appropriazzjonijiet għall-ħlasijiet (€ 123,858 miljun) huwa ekwivalenti għal 0.94 % tad-DGN. Fuq il-bażi tat-tbassir ekonomiku attwali, dan iħalli marġni taħt il-limitu tar-riżorsi proprji ta' € 38,941 miljun (0.30 % tad-DGN għall-UE-27).

#### **3.3. Elementi oħrajn marbuta ma' l-aġġustament tekniku**

##### **Intestatura 5 (Amministrazzjoni)**

Fil-każ ta' l-intestatura 5, in-nota tal-qiegħ għall-perspettiva finanzjarja tistqarr li ċ-ċifri għall-pensjonijiet inklużi taħt il-limitu għal din l-intestatura għandhom jinħadmu netti mill-kontribuzzjonijiet ta' l-impjegati għall-iskema tal-pensjonijiet, sa massimu ta' € 500 miljun (fi prezzijiet ta' l-2004) għall-perjodu 2007-2013. Din id-dispożizzjoni għandha tiġi interpretata li qed timponi limitu doppju fuq l-ammonti mnaqqsa min-nefqa fuq il-pensjonijiet meta jiġi applikat il-limitu massimu ta' l-intestatura.

- Dan l-ammont ma jistax jaqbeż il-kontribuzzjonijiet attwalment inklużi bħala dħul tal-baġit fi kwalunkwe sena partikolari;
- It-total akkumulat tad-deduzzjonijiet għall-perjodu 2007-2013 jista' ma' jkunx iżjed minn EUR 500 miljun bil-prezzijiet kostanti tas-sena 2004.

In-natura rikorrenti tan-nefqa amministrattiva timponi li l-aktar limitu baxx jiġi adottat kull sena sabiex jiġi evitat li jintuża marġni fil-bidu tal-perjodu li mbagħad ma jkunx għal kollox disponibbli. Fl-2009, l-ammont li għandu jitnaqqas huwa ta' € 78.0 miljun fi prezzijiet kurrenti.

## **Partiti ta' nfiq barra mill-qafas finanzjarju 2007-2013**

Numru ta' strumenti huma disponibbli barra mil-limiti ta' l-infiq miftiehma fil-qafas finanzjarju 2007-2013. Dawn l-istrumenti għandhom l-għan li jipprovdu reazzjoni rapida għal żviluppi eċċezzjonali jew mhux previsti, u jipprovdu xi flessibilità lil hinn mil-limiti miftiehma ta' l-infiq fi ħdan ċerti limiti:

- Ir-riserva ta' l-Għajnuna ta' l-Emerġenza, li tista' tiġi mobilizzata sa ammont massimu ta' EUR 221.0 miljun kull sena bil-prezzijiet kostanti tas-sena 2004, jew EUR 244.0 miljun bil-prezzijiet attwali;
- Il-Fond tas-Solidarjetà ta' l-UE, li l-ammont massimu tiegħu fi prezzijiet kurrenti huwa ta' € 1 biljun;
- L-Istrument tal-Flessibilità, b'ammont annwali massimu fi prezzijiet kurrenti ta' € 200 miljun, flimkien ma' porzjon mill-ammonti annwali mhux użati għas-snin 2005, 2006 u 2007, li jistgħu jiġu trasferiti 'l quddiem għas-sena 2009;

Minbarra dan, se jkun possibbli li jiġi mmobilizzat il-Fond Ewropew għall-Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (EGF) sa massimu ta' € 500 miljun fis-sena fi prezzijiet kurrenti billi jiġi użat kwalunkwe marġini eżistenti taħt il-limitu massimu globali għall-appropriazzjonijiet għall-impenji tas-sena ta' qabel, u/jew impenji mħassra mis-sentejn ta' qabel (minbarra dawk li jirrigwardaw l-intestatura 1b). Għas-sena 2009, huma ssodisfati l-kundizzjonijiet sabiex tiddaħħal il-proviżjoni ta' € 500 miljun fil-baġit.

## **Operazzjonijiet barra l-baġit u r-riżorsi proprji**

Ir-raba' subparagrafu tal-Punt 11 tal-Ftehim Interistituzzjonali jiddikjara li l-informazzjoni li tirrigwarda l-operazzjonijiet mhux inklużi fil-baġit ġenerali u l-iżvilupp prevedibbli tal-kategoriji differenti tar-riżorsi proprji għandha tiġi ppreżentata f'tabelli, bħala indikazzjoni, u aġġornata kull sena meta jsir l-aġġustament tekniku għall-qafas finanzjarju.

Dan it-tagħrif, aġġornat biex jaqbel ma' l-aħħar estimi disponibbli, huwa mfisser fit-Tabelli 3. Hija tkopri l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (EDF) u l-istruttura tar-riżorsi proprji.

**TABELLA 2: QAFAS FINANZJARJU 2007-2013 f'prezzijiet attwali**

(miljuni ta' EUR - prezzijiet kurrenti)

APPROPRJAZZJONIJIET GĦALL-IMPENJI	2007	2008	2009	2010	2011	2012	2013	Total 2007-2013
<b>1. Tkabbir Sostenibbli</b>	<b>53.979</b>	<b>57.653</b>	<b>59.700</b>	<b>61.782</b>	<b>63.638</b>	<b>66.628</b>	<b>69.621</b>	<b>433.001</b>
1a Kompetittività għat-Tkabbir Ekonomiku u l-Impjegi	8.918	10.386	11.272	12.388	12.987	14.203	15.433	85.587
1b Koeżjoni għat-Tkabbir Ekonomiku u l-Impjegi	45.061	47.267	48.428	49.394	50.651	52.425	54.188	347.414
<b>2. Priżervazzjoni u Ġestjoni tar-Riżorsi Naturali</b>	<b>55.143</b>	<b>59.193</b>	<b>59.639</b>	<b>60.113</b>	<b>60.338</b>	<b>60.810</b>	<b>61.289</b>	<b>416.525</b>
li minnhom: nefqa relatata mas-suq u fl-asijiet diretti	45.759	46.217	46.679	47.146	47.617	48.093	48.574	330.085
<b>3. Ċittadinanza, libertà, sigurtà u ġustizzja</b>	<b>1.273</b>	<b>1.362</b>	<b>1.523</b>	<b>1.693</b>	<b>1.889</b>	<b>2.105</b>	<b>2.376</b>	<b>12.221</b>
3a Libertà, sigurtà u ġustizzja	637	747	872	1.025	1.206	1.406	1.661	7.554
3b Ċittadinanza	636	615	651	668	683	699	715	4.667
<b>4. L-UE bħala attur globali</b>	<b>6.578</b>	<b>7.002</b>	<b>7.440</b>	<b>7.893</b>	<b>8.430</b>	<b>8.997</b>	<b>9.595</b>	<b>55.935</b>
<b>5. Amministrazzjoni <sup>(1)</sup></b>	<b>7.039</b>	<b>7.380</b>	<b>7.699</b>	<b>8.008</b>	<b>8.334</b>	<b>8.670</b>	<b>9.095</b>	<b>56.225</b>
<b>6. Kumpensi</b>	<b>445</b>	<b>207</b>	<b>210</b>					<b>862</b>
<b>TOTAL TA' L-APPROPRJAZZJONIJIET GĦALL-IMPENJI</b>	<b>124.457</b>	<b>132.797</b>	<b>136.211</b>	<b>139.489</b>	<b>142.629</b>	<b>147.210</b>	<b>151.976</b>	<b>974.769</b>
bħala perċentwal tad-DGN	1,04%	1,06%	1,04%	1,02%	1,00%	0,99%	0,98%	1,02%
<b>TOTAL TA' L-APPROPRJAZZJONIJIET GĦALL-FLASIJET</b>	<b>122.190</b>	<b>129.681</b>	<b>123.858</b>	<b>133.505</b>	<b>133.452</b>	<b>140.200</b>	<b>142.408</b>	<b>925.294</b>
bħala perċentwal tad-DGN	1,02%	1,03%	0,94%	0,97%	0,93%	0,94%	0,91%	0,96%
Marġini disponibbli	0,22%	0,21%	0,30%	0,27%	0,31%	0,30%	0,33%	0,28%
Limitu Massimu tar-Riżorsi Propriji bħala perċentwal tad-DGN	1,24%	1,24%	1,24%	1,24%	1,24%	1,24%	1,24%	1,24%

(1) In-nefqa fuq il-pensjonijiet inkluża taħt il-limitu massimu għal din l-intestatura hija kkalkulata wara l-kontribuzzjonijiet tal-persunal għall-iskema rilevanti, sa limitu ta' € 500 miljun fil-prezzijiet ta' l-2004 għall-perjodu 2007-2013.

**TABELLA 3: PROGRAMM INDIKATTIV TA' L-INFIQ LI MHUX INKLUŻ FIL-BAĠIT ĠENERALI  
U X-XEJRA PROSPETTIVA FIR-RIŻORSI PROPRJI DIFFERENTI**

**FOND EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP**

Impenji (I) u Ħlasijiet (H)  
miljuni ta' EUR - preżżijiet kurrenti

2000		2001		2002		2003		2004		2005		2006		2007		2008		2009	
C	P	C	P	C	P	C	P	C	P	C	P	C	P	C	P	C	P	C	P
4.007	1.640	1.927	1.779	2.125	1.922	3.769	2.345	2.648	2.464	3.511	2.544	3.408	2.826	3.636	2.929	2.900	3.280	3.750	3.075

Is-serje tirrigwarda miżuri ġestiti mill-Kummissjoni. Il-miżuri ġestiti mill-Bank Ewropew ta' l-Investiment m'humiex inklużi.

L-ammonti għall-2001 sa l-2004 ġew emendati sabiex jirriflettu l-impatt tar-regolarizzazzjoni ta' ċerti ħlasijiet magħmula fuq l-istrument Stabex.

L-ammonti effettivi għall-2008 jiddependu fuq il-mument tad-dfuh fis-seħħ ta' l-10 EDF.

**RIŻORSI PROPRJI SKOND IL-KATEGORIJA**

% tat-total	2000	2001	2002	2003	2004	2005	2006	2007	2008
Riżorsi proprji tradizzjonali (RPT)	17%	18%	12%	13%	13%	14%	15%	16%	16%
VAT	40%	39%	29%	25%	15%	16%	17%	17%	16%
PGD/DGN	43%	43%	59%	62%	72%	70%	69%	67%	68%

2000-2006: riżultati

(inkluż l-aġġustament retroattiv fl-2002 ta' 15% ta' l-ammonti miżmuma fl-2001 bħala spejjeż tal-ġbir tar-Riż. Pr. Tot.)

2007: Baġit ta' Emenda 7/2007 & 2008: Baġit 2008 [il-previżjonijiet huma bbażati fuq id-Deċiżjoni tar-Riżorsi Proprji tad-29 ta' Settembru 2000 (ĠU L 253/42)]

Proposal for a

## DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**li temenda l-ftehim interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja fis-sod fir-rigward tal-qafas finanzjarju multiannwali**

IL-PARLAMENT EWROPEW U IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw il-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina finanzjarja u l-**ġestjoni finanzjarja soda**<sup>3</sup>, u b'mod partikulari l-punt 48 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,<sup>4</sup>

Billi:

- (1) Bħala riżultat tad-dewmien fl-adozzjoni ta' xi programmi operattivi ta' l-intestaturi 1b u 2, EUR 2 034 miljun ta' l-allokkazzjoni prevista fil-Fondi Strutturali, għall-Fond ta' Koeżjoni, ta' l-Iżvilupp Rurali u għall-Fond Ewropew għas-Sajd ma setgħux jiġu impenjati fis-sena 2007 u lanqas jiġu trasferiti għas-sena 2008. Taħt il-paragrafu 48 tal-Ftehim Interistituzzjonali, dan l-ammont għandu jiġi trasferit għas-snin finanzjarji ta' wara billi jiżdiedu l-limiti ta' l-infiq korrispondenti għall-appropriazzjonijiet għall-impenji.
- (2) L-Anness I tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja fis-sod għandha għalhekk tiġi emendata<sup>5</sup>,

IDDEĊIDEW KIF ĠEJ:

### *Artiklu uniku*

L-Anness I tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja fis-sod huwa ssostitwit mill-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

---

<sup>3</sup> ĠU C 139, 14.6.2006, p.1 kif emendata mid-Deċiżjoni 2008/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2007 li tmenda l-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 dwar id-dixxiplina baġitarja u ġestjoni finanzjarja soda fir-rigward tal-qafas finanzjarju multiannwali, ĠU L 6, 10.1.2008, p.7.

<sup>4</sup> ĠU COM xxx, xx.xx.2008

<sup>5</sup> Għal dan l-iskop, il-figuri bil-prezzijiet attwali huma maqluba għall-prezzijiet ta' l-2004.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Parlament Ewropew  
Il-President*

*Għall-Kunsill  
Il-President*

## QAFAS FINANZJARJU 2007-2013

*(miljuni ta' EUR - prezzijiet kostanti ta' l-2004)*

APPROPRJAZZJONIJIET GĦALL-IMPENJI	2007	2008	2009	2010	2011	2012	2013	Total 2007-2013
<b>1. Tkabbir Sostenibbli</b>	<b>50.865</b>	<b>53.262</b>	<b>54.071</b>	<b>54.860</b>	<b>55.400</b>	<b>56.866</b>	<b>58.256</b>	<b>383.580</b>
1a Kompetittività għat-Tkabbir Ekonomiku u l-Impjegi	8.404	9.595	10.209	11.000	11.306	12.122	12.914	75.550
1b Koeżjoni għat-Tkabbir Ekonomiku u l-Impjegi	42.461	43.667	43.862	43.860	44.094	44.744	45.342	308.030
<b>2. Priżervazzjoni u Ġestjoni tar-Riżorsi Naturali</b>	<b>51.962</b>	<b>54.685</b>	<b>54.017</b>	<b>53.379</b>	<b>52.528</b>	<b>51.901</b>	<b>51.284</b>	<b>369.756</b>
li minnhom: nefqa relatata mas-suq u fl-asijiet diretti	43.120	42.697	42.279	41.864	41.453	41.047	40.645	293.105
<b>3. Ċittadinanza, libertà, sigurtà u ġustizzja</b>	<b>1.199</b>	<b>1.258</b>	<b>1.380</b>	<b>1.503</b>	<b>1.645</b>	<b>1.797</b>	<b>1.988</b>	<b>10.770</b>
3a Libertà, sigurtà u ġustizzja	600	690	790	910	1.050	1.200	1.390	6.630
3b Ċittadinanza	599	568	590	593	595	597	598	4.140
<b>4. L-UE bħala attur globali</b>	<b>6.199</b>	<b>6.469</b>	<b>6.739</b>	<b>7.009</b>	<b>7.339</b>	<b>7.679</b>	<b>8.029</b>	<b>49.463</b>
<b>5. Amministrazzjoni <sup>(1)</sup></b>	<b>6.633</b>	<b>6.818</b>	<b>6.973</b>	<b>7.111</b>	<b>7.255</b>	<b>7.400</b>	<b>7.610</b>	<b>49.800</b>
<b>6. Kumpensi</b>	<b>419</b>	<b>191</b>	<b>190</b>					<b>800</b>
<b>TOTAL TA' L-APPROPRJAZZJONIJIET GĦALL-IMPENJI</b>	<b>117.277</b>	<b>122.683</b>	<b>123.370</b>	<b>123.862</b>	<b>124.167</b>	<b>125.643</b>	<b>127.167</b>	<b>864.169</b>
bħala perċentwal tad-DGN	1,10%	1,08%	1,07%	1,04%	1,03%	1,02%	1,01%	1,048%

<b>TOTAL TA' L-APPROPRJAZZJONIJIET GĦALL-FLASIJET</b>	<b>115.142</b>	<b>119.805</b>	<b>112.182</b>	<b>118.549</b>	<b>116.178</b>	<b>119.659</b>	<b>119.161</b>	<b>820.676</b>
bħala perċentwal tad-DGN	1,08%	1,06%	0,97%	1,00%	0,96%	0,97%	0,94%	1,00%
Marġini disponibbli	0,16%	0,18%	0,27%	0,24%	0,28%	0,27%	0,30%	0,24%
Limitu Massimu tar-Riżorsi Propri bħala perċentwal tad-DGN	1,24%	1,24%	1,24%	1,24%	1,24%	1,24%	1,24%	1,24%

(1) In-nefqa fuq il-pensjonijiet inkluża taħt il-limitu massimu għal din l-intestatura hija kkalkulata wara l-kontribuzzjonijiet tal-persunal għall-iskema rilevanti, sa limitu ta' € 500 miljun fil-prezzijiet ta' l-2004 għall-perjodu 2007-2013.